**QORTI TAL-MAGISTRAT (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

Illum 19 ta' Frar 2001.

Il-Pulizija
Spettur Stephen J. Gatt
Spettur Sandro Zarb

Vs

Ismail Mustafa Mohammed Abdulgadir

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Ismail Mustafa Mohammed Abdulgadir ta' 37 sena iben Mustafa u Oumkalsoum, imwieled Khartoum Sudan fil-21 ta' Ottubru 1962 u joqghod Anne A, San Gorg Hotel, Triq Ball San Giljan;

Talli fil-31 ta' Awissu 2000, ghall-habta tal-4.00am gewwa Paceville San Giljan:

a) Volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, cioe' vettura Hyundai, li ggib numru tar-registrazzjoni JAF065 mobbli jew immobbli ghad-detriment ta' Lotfi Labidi, liema hsara ma' tiskorrix il-hames mitt lira Maltin izda aktar minn hamsin lira Maltin;

b) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Abunasser Mohammed N Abudinar;

c) Talli fl-istess lok, hin, jum u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta’ abunasser Mohammed N Abudinar sabiex jingurjah, idejqu jew jghammillu hsara;

d) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b’mod iehor;

e) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

f) Talli matul dawn l-ahhar xhur, minghajr ma’ nghata permess ta’ residenza, nizel l-art jew kien Malta minghajr permess minghand l-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni;

g) U aktar, talli ma’ jistax juri li ghandu mezzi sabiex imantni lilu nnifsu u jista’ jkun ta’ spiza addebitata lil fond pubbliku;

Wara illi rat l-Artikoli 325, 252, 214 u 63 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’Malta;

Ikkonsidrat:

Illi wara illi semghet ix-xhieda prodotta u rat id-dokumenti ezebiti;

U wara illi hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Din il-Qorti qeghda ssib lill-imsemmi imputat, hati ta' kif akkuzat u qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma' jaghmilx reat iehor fiz-zmien tlett (3) snin mil-lum a tenur tal-artikolu 9 tal-kapitolu 152 tal-ligijiet ta'Malta.

Din il-Qorti qeghda wkoll a tenur tal-Artikolu 14 u 15 tal-kapitolu 217, tiddikjara lill-imsemmi imputat immigrant projbit, u tordna t-tkeccija tieghu minn dawn il-Gzejjer.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.